**IL-PARLAMENT JAPPOĠĠJA L-KOTBA U L-QARI**

L-Onor Louis Galea, Speaker tal-Kamra tad-Deputati, flimkien mal-***Whips*** taż-żewġ naħat tal-Kamra, l-Onor David Agius u l-Onor Joe Mizzi, akkumpanjati mill-Aġent Skrivan tal-Kamra Pauline Abela, illum żaru l-Fiera tal-Ktieb fis-Sala Robert Samut, il-Furjana.

L-iSpeaker Louis Galea qal li ż-żjara tiegħu u tal-***Whips*** f'din il-Fiera hija turija tar-rikonoxximent tal-Parlament għall-kontribut u l-ġenju ta' dawk l-awturi u pubblikaturi li qed jagħtu lill-poplu tagħna kotba ta' kull tip, fuq kull suġġett, u f'ħafna każi ta' kwalità tajba ħafna. Louis Galea appella biex il-Ktieb Malti jsir għażla aktar popolari bħala rigal xieraq f'ħafna okkażjonijiet speċjalment fejn jidħlu t-tfal u ż-żgħażagħ. Huwa rringrazzja lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) ta' l-impenn u l-entużjazmu li qed juri biex ikattar l-imħabba għall-ktieb u l-qari. L-iSpeaker offra l-kollaborazzjoni tal-Parlament lill-KNK biex il-ħidma tiegħu tissaħħaħ u tikseb riżultati aħjar.

Il-***Whip*** tan-naħa tal-Gvern, l-Onor. David Agius fisser li m'hix ħaġa żgħira li f'dinja tal-kompjuter u f'pajjiż hekk ċkejken, jibqa' jkollna awturi li jippubblikaw xogħlijiet ta' letteratura, storja, arti, u fuq suġġetti oħra bil-Malti u b'ilsna oħra. Huwa qal li lkoll irridu naħdmu biex inżidu l-impenn favur il-qari tal-poplu tagħna għaliex fil-qari niskopru dinja mill-isbaħ ta' għerf, kultura, fantasija u pjaċir.

Il-***Whip*** tan-naħa ta' l-Oppożizzjoni, l-Onor. Joe Mizzi qal li l-firxa tal-kwalita` tal-kotba li ġew esibiti fil-Fiera huma xhieda ta' kemm huma kapaċi jkunu kreattivi l-awturi u l-pubblikaturi Maltin. Joe Mizzi qal li dawn il-kotba jgħinu mhux ftit il-ġieħ tal-poplu tagħna bħala poplu matur fost il-popli Ewropej.

Id-delegazzjoni Parlamentari ġiet milqugha mic-Chairman tal-KNK, Dr Ġorġ Mallia li rringrazzja lill-iSpeaker u l-*parliamentary whips* għaliex bis-saħħa tar-rikonoxximent ta' nies bħalhom, u li ġejjin minn istituzzjoni bħal dik parlamentari, qegħdin ipoġġu l-ktieb Malti fuq l-aġenda nazzjonali, kif jistħoqqlu.

**DOI – 13.06.2008**